# It-Tmexxija u t-Treġija tal-Fraternità

## *Skeda 4*

**minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.**

Fit-tliet skemi ta' qabel ippreżentajna l-elementi fundamentali tal-ħajja fraterna fil-fraternità tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari. Għalkemm l-ideali spiritwali u għolja huma importanti però dawn ma jistgħux jinżammu u jitħarsu jekk ma jkunx hemm struttura li tħarishom u tippromovihom. Għaldaqstant, Fraternità ma tistax iżżomm fuq saqajha u ma tistax taħdem b'mod tajjeb jekk ma żżommx mal-istruttura li l-Ordni jrid għal din il-forma ta' ħajja Nisranija fil-Karmelu.

Ir-Regola TOK fil-fatt tiddedika paragrafi sħaħ għat-treġija u t-tmexxija tal-Fraternità. Huwa mhux biss tajjeb li nżommu ma' dawn in-normi iżda huma fundamentali li jkollna għax mingħajrhom ma hemmx fraternità li tiffunzjona tajjeb.

Ir-Regola tagħmilha ċara fin-numru 59 li "l-ogħla Organu ta' tmexxija hija l-Assemblea Ġenerali tal-assoċjazzjoni jew tal-komunità, magħmula mill-membri kollha". Dan huwa l-ewwel numru li jiftaħ il-parti tar-Regola fuq it-treġija. X'jindika dan in-numru? L-ewwel nett li hija l-Fraternità (hawnhekk imsejħa "assoċjazzjoni" u "komunità") li tmexxi lilha nnifisha. Mhuwiex mela l-Assistent Spiritwali. Lanqas il-Moderatur jew il-Moderatriċi. Lanqas il-Kunsill. Imma hija l-Fraternità miġbura flimkien f'dik li tissejjaħ Assemblea Ġenerali. Il-mod kif jitmexxa dan l-Organu jiġi stabbilit mill-Istatuti. L-Istatuti tal-Provinċja Karmelitana Maltija għat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari jistabbilixxu li l-Assemblea Ġenerali ssir kull tliet snin. In-numri 44-55 jistabbilixxu li fl-Assemblea Ġenerali jsiru l-elezzjonijiet għall-Uffiċjali tal-Fraternità. L-Assemblea Ġenerali iżda għandha tkun iktar minn hekk. L-elezzjonijiet tal-Uffiċjali jsiru sabiex il-Fraternità tkun tista' titmexxa u tasal għall-ideal tas-sejħa tagħha Karmelitana kemm fuq livell individwali, iżda wkoll fuq livell ta' fraternità. Għaldaqstant, l-Assemblea Ġenerali għandha tkun okkażjoni ta' valutazzjoni tas-snin l-imgħoddija, ħarsa 'l quddiem lejn 'il fejn mixjin bħala fraternità u tfassil ta' *mission statement* għas-snin li ġejjin, sabiex l-Uffiċjali jkunu jistgħu mbagħad janimaw il-Fraternità lejn dak l-ideal li jkunu qablu fuqu flimkien. Dan huwa dak li għandu janima l-elezzjonijiet tal-Fraternità fl-Assemblea Ġenerali. Dan fuq livell lokali iżda wkoll għandu jsir fuq livell Provinċjali, dak li fostna jissejjaħ "Nazzjonali", terminu li mhuwiex preċiż għax it-Terz'Ordni Sekulari huwa kanonikament parti minn Provinċja Karmelitana partikulari u mhux min-nazzjon. Fuq livell Provinċjali/Nazzjonali l-Istatuti jistabbilixxu li jsir il-Kungress li l-għan tiegħu, skont l-Art. 16, huwa li jkun hemm għarfien tat-Terz'Ordni Sekulari fl-Arċidjoċesi. Ikun tajjeb li kieku l-Kungress ikun fil-fatt parti minn avveniment iktar wiesgħa tal-Assemblea Ġenerali, mument, bħal fi provinċji oħra, li fih il-Fraternitajiet kollha bil-Fergħat tagħhom jiltaqgħu ħalli jevalwaw u jħarsu 'l quddiem sabiex ikun hemm direzzjoni waħda li tagħti linji gwida għall-Uffiċjali Provinċjali/Nazzjonali fit-tmexxija għall-ġejjieni. Dan il-mument jaf ikun ukoll wieħed li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn id-diversi forom ta' ħajja Karmelitana (ara l-Art. 17 tal-Istatuti).

Mela din hija l-ewwel struttura bażika u fundamentali għat-treġija u l-ħarsien tal-Fraternità tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari.

It-tieni organu ta' tmexxija u treġija huwa l-Kunsill tal-Fraternità. In-numri 60 u 61 jitkellmu fuq il-Kunsill u l-għan u l-irwol tiegħu f'ċertu dettall: *Kull komunità jew fraternità titmexxa minn Kunsill. Dan il-Kunsill hu magħmul mill-Assistent spiritwali,*

*mill-Moderatur (jew responsabbli) u minn tnejn jew aktar Kunsillieri (mhux aktar minn erba'), skont l-għadd tal-membri tal-komunità u skont kif stabbilit mill-Istatuti lokali. Jifforma parti mill-Kunsill ukoll ir-Responsabbli tat-taħriġ.*

*Huwa dmir tal-Kunsill, u speċjalment tal-Moderatur, bl-għajnuna tal-Assistent spiritwali, jagħmel dak kollu li jista' biex jippromwovi l-interessi tal-komunità, biex il-membri tal-istess komunità jistgħu jwieġbu bl-aħjar mod għas-sejħa tagħhom ta' lajċi impenjati fil-bini tas-Saltna ta' Kristu, fihom infushom u fid-dinja, skont l-ispirtu u l-kariżma tal-Karmelu li lejh ġew imsejħa mill-Ispirtu, li jqassam id-doni skont ir-rieda tiegħu (Lhud 2:4) Dan id-dmir jitwettaq fi spirtu ta' servizz evanġeliku, filwaqt li tiġi evitata kull forma ta' setgħa despotika.*

Min-numru 62 sa numru 66 insibu mbagħad il-mod ta' kif għandha ssir l-għażla tal-Uffiċjali, li huma:
1. *L-Assistent Spiritwali*
2. *Il-Moderatur*
3. *Il-Kunsilliera* (minn 2 sa 4)

Kull fraternità mbagħad ikollha Teżorier u wkoll Segretarju nominati mill-Kunsill. Dwar ir-rwol ta' dawn iżda nitħaddtu iktar 'il quddiem. Ngħidu biss hawnhekk li l-irwol tagħhom huwa differenti minn dak tal-Kunsilliera. Għalissa nieqfu hawnhekk fuq dan il-livell bażiku ta' struttura ta' treġija li hija magħmula minn tliet partijiet li f'koordinament armoniku bejniethom ifittxu li:
1. *jippromwovi l-interessi tal-komunità*
2. *biex il-membri tal-istess komunità jistgħu jwieġbu bl-aħjar mod għas-sejħa tagħhom ta' lajċi impenjati fil-bini tas-Saltna ta' Kristu, fihom infushom u fid-dinja, skont l-ispirtu u l-kariżma tal-Karmelu li lejh ġew imsejħa mill-Ispirtu, li jqassam id-doni skont ir-rieda tiegħu (Lhud 2:4).*

Huwa ċar mela fil-ħsieb tar-Regola li l-Uffiċjali qegħdin hemm biex jgħinu lill-Fraternità tilħaq l-għan tas-sejħa Karmelitana tagħha. Fil-ħsieb tar-Regola mela t-treġija tat-Terz'Ordni Karmelitan Sekulari mhijiex biss responsabiltà tal-Assistent Spiritwali jew tal-Moderatur, iżda ta' kulħadd skont l-irwol tiegħu fil-fraternità. Tant huwa hekk li n-numru 66 tar-Regola jagħti l-awtorità lill-Kunsill jinnomina *"xi inkarigati oħra skont il-ħtieġa u l-kobor tal-komunità"* sabiex jintlaħaq dan l-għan. Hekk pereżempju sistema prattika biex kulħadd jagħti sehmu hija dik li jitwaqqfu kummissjonijiet jew ċelloli żgħar fi ħdan il-Fraternità sabiex jieħdu ħsieb janimaw aspett jew ieħor tal-ħajja fraterna. Jekk il-Fraternità hija żgħira sabiex dan iseħħ, jistgħu ċerti aspetti jingħataw f'idejn membri diversi mill-Fraternità. Hekk kulħadd ikun imħeġġeġ jagħti sehmu fil-bini tal-Fraternità u barra minn hekk il-Fraternità tistagħna iktar. B'mod ċar, ir-Regola tgħid ukoll li għandha *"tiġi evitata kull forma ta' setgħa despotika."* Meta l-irwoli jitqassmu skont in-normi, hemm inqas periklu li jkollna Despota li jmexxi. Despota huwa xi ħadd li għandu l-awtorità u l-poter tat-tmexxija kollha f'idejh. Għalhekk, jekk ma tiġix rispettata l-istruttura tat-treġija mibnija fuq il-Fraternità, ikun hemm iċ-ċans li fostna jqumu d-Despoti, ikun min ikun, li jmexxi l-Fraternità skont kif jaqbillu u skont kif ifettillu.

Fuq dan il-livell ta' treġija baqgħalna ħafna x'nimxu. Għad għandna fraternitajiet li ma għandhomx u ma jħarsux din l-istruttura bażika għal raġuni jew oħra. Jew għax għadna bil-mentalità li mingħajr l-Assistent Spiritwali ma nimxux, jew għax hemm sitwazzjonijiet partikulari fil-fraternitajiet jew ukoll għax dak li jkun ma jħossux kapaċi, jonkella jippreferi ma jimpenjax ruħu b'mod iktar sħiħ. Hu x'inhu, kull Fraternità għandha tara li qed timxi u tħares dak li titlob ir-Regola u l-Istatuti fejn tidħol treġija. Inkella nkunu qegħdin immexxu b'mod li huwa meqjus irregolari. Dan ma għandux ikun għax tkun qed titnawwar ukoll il-Fraternità.

